Mons. Ġużeppi Farrugia

# Il-Bażilika ta' San Ġorġ 'Bażilika Marjana'



Inqimuk, insellmulek, Marija, u b'imħabba ta' wlied nersqu lejk; O Madonna tar-Rużarju, fuqna ixħet il-ħarsa t'għajnejk

L-imħabba tal-poplu Għawdxi lejn il-Verġni Marija, Omm Alla u ommna, għandha bħala sinjal mill-aktar viżibbli tagħha s-santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Min fostna, ma żarux? Min fost l-Għawdxin ma jħossx rabta ta' identità miegħu? Min minn Malta jżur lil Għawdex u, almenu darba f'ħajtu, ma jaqbadx it-triq lejn Ta' Pinu biex jagħmel żjara lill-Madonna f'dan il-post imqaddes mill-preżenza straordinarja tagħha?

Il-qima tal-poplu Għawdxi lejn il-Verġni Mbierka tidher ukoll fl-għadd relattivament kbir ta' knejjes parrokkjali u kappelli tal-kampanja li jġibu isimha f'rabta ma' xi ġrajja jew misteru tagħha. Ewlenija fosthom għandna l-knisja katidrali li hi ddedikata lil Marija fil-Misteru tat-Tlugħ tagħha fis-Sema, tat-trijonf tagħha fuq il-mewt, u tas-sebħ tagħha bħala sultana tas-sema u l-art. Ir-rabtiet bejn il-knisja katidrali u l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ huma antiki ħafna u dawk kienu jesprimu ruħhom f'diversi modi. Hawnhekk wieħed jista' jsemmi l-purċissjoni kapitulari ta' Santa Marija li kienet toħroġ mill-Katidral u tgħaddi minn San Ġorġ bħala espressjoni tal-qima doppja lejn il-Madonna u l-Martri Patrun tal-gżira.

Fit-territorju parrokkjali tal-belt Victoria għandna ddedikati lill-Madonna wkoll is-santwarju tal-Madonna tal-Grazzja li jinsab f'idejn il-Patrijiet Kapuċċini, is-santwarju tal-Madonna ta' Pompej tas-Sorijiet Dumnikani, il-knejjes ta' Savina, ta' Ħamet u ta' Manresa, u l-kappella antika tal-Lunzjata. Dawn kollha għandhom rabtiet speċjali mal-Bażilika ta' San Ġorġ. Insemmi biss dik tal-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja, li mhux biss jirrepeti devozzjoni antika li tinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, imma wkoll sab rifuġju fiha meta, fix-xhur tal-ħakma Franċiża tas-sena 1798, il-kunvent tal-Kapuċċini safa magħluq u l-kwadru msemmi ttella' fil-knisja

A.D. 1971
Kummissjoni Festa
Madonna Tar-Rużarju ta' Fatima
Gwardamanġa

parrokkjali tar-Rabat ħalli hemm jibqa' jiġi meqjum mill-poplu Għawdxi.

Ta' min jgħid ukoll li għalkemm il-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali hi ddedikata lil San Franġisku t'Assisi, il-missier spiritwali tagħhom, il-festa l-aktar popolari li ssir fil-knisja konventwali tagħhom hi dik ta' l-Immakulata. Hija festa għażiża għall-poplu kollu tar-Rabat, imma speċjalment għall-parruċċani ta' San Ġorġ li jorganizzawha u jaħdmu għaliha. Infatti teżisti rabta speċjali bejn din il-knisja u d-devoti ta' San Ġorġ li jgħoddu l-festa tal-Kunċizzjoni bħala t-tieni festa tagħhom.



*Il-pellegrinaġġ bil-Madonna ta' Fatima dieħel fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar it-13 ta' Ottubru, 2000.*

Dan kollu, nerġa' ngħid, fir-Rabat ta' llum biss. Ma semmejtx il-knejjes kollha ddedikati lill-Madonna li huma mxerrdin mal-gżira llum jew li xi darba kienu weqfin fl-istorja twila tagħha. Għalhekk ma niżbaljawx jekk ngħid li l-gżira ta' Għawdex hija tabilħaqq gżira Marjana.

Iżda lanqas naħseb li nkun qed niżbalja jekk ngħid ukoll li l-knisja Għawdxija li fiha nsibu l-akbar għadd ta' devozzjonijiet Marjani, antiki u riċenti, hija l-Bażilika ta' San Ġorġ. F'din il-knisja parrokkjali li tinsab wieqfa fil-qalba Nisranija ta' Għawdex, infatti, il-preżenza misterjuża ta' Marija hi tant tanġibbli li żgur li ebda devot ta' Marija ma jista' jħossu spajżat fiha. L-altari kollha, ħlief wieħed, huma ddedikati lill-Madonna, jew bħala titlu prinċipali, jew bħala kon-patruna jew permezz ta' sottokwadru.

L-altari ddedikati lill-Madonna huma dak tal-Madonna tal-Grazzja magħrufa bħala l-altar ta' l-erwieħ u dak ta' l-isem ta' Ġesù u ta' Marija. Il-kwadru ta' l-altar ta' l-erwieħ tpitter minn Mattia Preti u juri lill-Madonna bit-tarbija Ġesù fuq dirgħajha qed issawwab fuq l-erwieħ imħabbitha. L-altar ta' Ġesù u Marija għandu kwadru mpitter minn Giacomo Filippo Ceci (*circa* 1724) u sa ftit tas-snin ilu kien hemm marbuta miegħu festa importanti li kienet tiġi organizzata mill-Fratellanza ta' Ġesù u Marija, imwaqqfa fl-1715 mill-Isqof Cannaves.



A.D. 1971
Kummissjoni Festa
Madonna Tar-Rużarju ta' Fatima
Gwardamanġa



Fil-bażilika ta' San Ġorġ għandna, imbagħad, l-altari li fihom il-Verġni Mbierka hija kon-patruna. Dawn huma (1) l-altar ta' San Ġużepp, li oriġinarjament kien l-altar tat-Trinità Mqaddsa; il-kwadru preżenti, li ħa post ta' qabel, tpitter minn Ġużè Calì u jaffigura lil Ġesù, ommu Marija Verġni u San Ġużepp, bit-Trinità Qaddisa qed jitfa' l-barka tagħha fuqha. (2) Alar ta' San Pawl, impitter minn Stefano Erardi fejn – ħaġa mhix tas-soltu – tidher l-Immakulata Kunċizzjoni u San Pawl għarkobbtejh jagħtiha qima wara n-nawgraġju. (3) Il-kwadru titulari ta' l-altar ta' Santa Katarina li hu xogħol sabiħ ta' Ġużeppi d'Arena. Dan juri lill-Madonna, qed iżżomm lil Ġesù fuq dirgħajha fil-mument li fih qed jgħarras lill-Verġni Katarina f'għerusija ta' mħabba miegħu.

L-altari l-oħrajn, bl-eċċezzjoni ta' San Mikiel, huma ddedikati lill-Madonna permezz ta' sottokwadru permanenti jew li jitqiegħed għall-okkażjoni. L-aktar wieħed importanti fost dawn huwa dak tal-kor, fejn insibu l-kwadru tal-Madonna ta' Mejju, xogħol stupend li jaffigura lil Marija Verġni bit-tfajjel Ġesù fi ħdanha u ċ-ċkejken Ġwanni l-Battista ħdejha. Jingħad li dan il-kwadru kien igawdi devozzjoni kbira matul ix-xahar ta' Mejju u kienet issirlu festa fit-tmiem tax-xahar. Din il-festa għadha ssir, u din is-sena se jieħdu sehem fiha b'mod speċjali t-tfal żgħar tal-parroċċa.

Sottokwadru ieħor hu dak tal-Madonna ta' Lourdes, xogħol Injazju Fortis. Dan il-kwadru hu marbut ħafna ma' l-altar ta' San Lazzru li miegħu kien hemm il-Fratellanza tal-Karità. Il-kwadru jitqiegħed fuq dan l-altar għaż-żmien kollu tad-dehriet tal-Madonna ta' Lourdes u jiżżejjen fil-festa tagħha. L-istatwa sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes tinħareġ f'purċissjoni fil-11 ta' Frar jew f'xi ġurnata fil-qrib.

Taħt l-altar tas-Santissimu Kurċifiss hemm ix-xbieha ħelwa ta'



***Ċelebrazzjoni miż-żgħażagħ fi Pjazza San Ġorġ li fiha saret l-inkoronazzjoni simbolika tal-Madonna ta' Fatima.***

Marija Addolorata, impittra minn Antonio Falzon. Ġo San Ġorġ għandna devozzjoni qawwija ħafna lejn l-Addolorata, u kemm din ix-xbieha ovali, kif ukoll l-istatwa tad-Duluri, huma dejjem bix-xemgħa tixgħel quddiemhom.

Kwadri oħrajn tal-Madonna li jinsabu fil-bażilika jew fis-sagristija huma:

1. Il-kwadri laterali ta' Marija fil-Misteru tat-Tħabbira tal-Mulej, ta' Marija fit-Tnissil bla Tebgħa tagħha, Marija fl-Assunzjoni tagħha, u Marija taħt is-Salib ta' Ġesù, ilkoll impittrin fl-1964 minn Ġian Battista Conti.
2. Kwadru ċkejken tal-Madonna ta' Loretu (Zahra), tal-Lunzjata (Zahra) u tas-Sultana tal-Martri.
3. Kwadru kbir tal-Madonna tal-Grazzja li mbagħad kien ġie sostitwit b'dak ta' Preti.
4. Kwadru tal-Madonna ta' Pinu, kopja tal-Perugino minn Godwin Cutajar. Ġol-kumpless ta' San Ġorġ għandna bosta xbihat oħra tal-Madonna li ma nistgħux insemmuhom kollha.

Minn barra l-kwadri, il-bażilika ta' San Ġorġ hi mogħnija b'diversi statwi tal-Madonna. Dawn jinkludu l-istatwa artistika ta' Ġesù u Marija li hi xogħol fl-injam ta' Sigismondo Dimech, l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, dik tad-Duluri u l-istatwa tabilħaqq sabiħa tal-Madonna ta' Fatima.

Fil-parroċċa ta' San Ġorġ għandna devozzjoni qawwija ħafna lejn il-Madonna ta' Fatima li għal dawn l-aħħar snin tinsab għall-qima fuq l-altar ta' l-erwieħ. Ta' kull sena niċċelebraw il-festa tagħha fl-okkażjoni ta' l-aħħar dehra tagħha f'Ottubru. Bi tħejjija għall-jum tas-Sibt li jkun l-eqreb lejn it-13 ta' Ottubru, isiru tlett ijiem ta' priedki, adorazzjoni u talb u, imbagħad, f'jum il-festa, issir Konċelebrazzjoni Solenni mill-Kapitlu u l-Kleru u purċissjoni li fiha folla kbira ta' devoti ta' Marija timxi bix-xemgħa tixgħel waqt li tirreċita r-Rużarju Mqaddes. Għal dawn l-aħħar tliet snin, dawn il-funzjonijiet ġew trasmessi mir-radju tal-parroċċa, *Leħen il-belt Victoria*, għall-benefiċċju tal-morda u l-anzjani.

Id-devozzjoni lejn Sidtna Marija ta' Fatima bdiet qabel il-miġja ta' l-istatwa sbejħa u artistika li sa mill-1950 tinsab meqjuma fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Sa fejn naf jien, din mhix l-ewwel statwa tal-Madonna ta' Fatima f'Għawdex. L-ewwel statwa tinsab fil-knisja ta' Ħamet, fil-Lvant tar-Rabat, li fl-okkażjoni mal-miġja tagħha kienu saru festi ma' Għawdex kollu. L-għeluq ta' dawk il-festi kien sar fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fl-20 ta' Novembru 1949. L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li tinsab ġo San Ġorġ saret sena wara, mill-istess artist Portugiż, fuq kommissjoni ta' l-Arċipriet Mikiel Cefai. Din ix-xbieha tal-Madonna, li issa tqiegħdet fil-qalba ta' fejn kienu joqogħdu n-nies tar-Rabat, tat imbottatura ġdida lid-devozzjoni Marjana fil-belt Victoria.



A.D. 1971
Kummissjoni Festa
Madonna Tar-Rużarju ta' Fatima
Gwardamanġa

L-istawa tal-Madonna ta' Fatima li tinsab fil-bażilika ta' San Ġorġ kienet tbierket mill-Isqof Ġużeppi Pace fl-4 ta' Jannar 1551 li dak iż-żmien kien l-Isqof ta' Għawdex, u għall-okkażjoni kienet saret festa kbira li laħqet il-quċċata tagħha l-Ħadd, 14 ta' Jannar ta' l-istess sena. Din il-festa kienet saret b'ċerta solennità u kienet tinkludi pellegrinaġġi kbar *aux flambeaux* mill-iswar kollha tal-belt Vicortia, ilkoll immexxija mill-Arċipriet Cefai u li fihom il-Madonna qalgħet bosta għotjiet ta' deheb u ħaġar prezzjuż. L-Arċipriet Cefai, li kien tabilħaqq devot tal-Madonna ta' Fatima, kellu f'idejh il-kura ta' l-erwieħ li kienu jgħixu fil-belt Victoria, u ma kienx jitlef opportunità biex jivvjaġġa u jżur is-santwarju tal-Madonna fil-Portugal u kien iħeġġeġ bla waqfien lis-saċerdoti u 'l-lajċi biex ikunu devoti tagħha. Fi żmienu, il-festa tal-Madonna ta' Fatima ssoktat tikber u saru wkoll diversi opri artistiċi f'konnessjoni magħha, fosthom pedestall sabiħ u kuruna l-ġmiel tagħha li dan l-aħħar kienet reġgħet ġiet maħsula bid-deheb. Il-festa ta' Fatima għadha ssir fil-forma tradizzjonali tagħha: tridu b'quddiesa bil-priedka u f'jum il-festa Konċelebrazzjoni Solenni preseduta mill-arċipriet u purċissjoni bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata, saċerdoti, fratellanza tal-Kurċifiss u l-poplu li jattendi dejjem numeruż għal din il-purċissjoni devota bix-xemgħa tixgħel u r-reċita tar-Rużarju Mqaddes.



Bil-ġrajjiet li seħħew fil-pontifikat tal-Papa Ġwanni Pawlu II u bħala riżultat ta' l-eżempju tiegħu ta' devot kbir ta' Sidtna Marija ta' Fatima, din id-devozzjoni Marjana partikolari ssaħħet fi żminijietna. Jiena nħoss li din id-devozzjoni tikkostitwixxi rikkezza unika għal kull komunità Nisranija li għandna x-xorti li tħaddanha. Hija devozzjoni li mhux biss tesprimi b'mod mill-aktar ċar il-veritajiet Kristoloġiċi li jinsabu fil-qalba tal-fidi Kattolika, imma tesprimi wkoll b'mod misterjuż il-ġid li jista' joħroġ mir-reliġjożità popolari u turi li din ir-reliġjożità għandha lokha fil-Knisja jekk tkun indirizzata bis-sens u diretta b'għaqal.

Il-bażilika ta' San Ġorġ, li f'Malta u Għawdex kollha hi aktarx il-knisja li fiha tiġi l-aktar ċelebrata l-Ewkaristija b'servizz lill-poplu ta' Alla, tifraħ ukoll bid-devozzjonijiet Marjani li jfuru minnha. Dawn huma bosta u jingħad li wħud mid-devozzjonijiet Marjani li llum huma ċċelebrati b'tant ħeġġa minn xi parroċċi tal-gżira ta' Għawdex, fosthom id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sokkors f'Ta' Kerċem u dik lejn Marija Bambina fix-Xagħra, kienu jinsabu f'San Ġorġ ħafna qabel ma dehru f'dawk il-knejjes. Wieħed xejn ma jistagħġeb b'dan ladarba jkun jaf li l-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, għal bosta mijiet ta' snin, kienet tikkostitwixxi l-qofol tal-ħajja reliġjuża u soċjali tal-gżira.

Fil-Bażilika ta' San Ġorġ, l-imħabba lejn il-Qaddis Patrun ta' Għawdex u l-imħabba lejn Marija Ommna, huma tabilħaqq imħabba waħda hekk li l-Bażilika Ġorġjana nistgħu tabilħaqq inqisuha bħala Bażilika Marjana.

A.D. 1971
Kummissjoni Festa
Madonna Tar-Rużarju ta' Fatima
Gwardamanġa